MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 734/2002

**Emanuel Calleja u Freetrade Company Limited**

**Vs**

**1. Kunsill Lokali Zejtun**
**2. Kumitat Kongunt Ghall-Infurzar tal-Ligi, u l-Ordni Pubbliku**
**3. L-Avukat Generali, u b'digriet tat-3 ta' Marzu 2004 L'Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta giet kjamata fil-kawza.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma' ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu s-somma ta' Lm1519.00 rapprezentanti danni li gew sofferti mill-atturi in konsegwenza ghan-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja tat-triq relattivament ghall-vettura Volkswagen Transporter numru tar-registrazzjoni ABD-

572 registrata f'isem Emanuel Calleja liema nuqqas ta' tigdid tal-licenzja tat-triq imsemmija sehhet minhabba li l-konvenuti jew min minnhom naqsu milli jaghtu l-istruzzjonijiet mehtiega sabiex il-licenzja tat-triq hawn fuq imsemmija setghet tigi mgedda', liema nuqqas ta' struzzjonijiet sehh in bazi ta' raguni mhux legalment valida, bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju tat-25 ta' Marzu 2002 u ta' l-ittra ufficjali datata 23 t'Awissu 2002 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali (fol 9 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:

Illi preliminarjament l-Avukat Generali mhux legittimu kuntradittur u m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur.

Illi cio' nonostante u minghajr pregudizzju il-lanjanzi kollha ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohrajn (ara ukoll fol 16).

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-Kunsill Lokali Zejtun (fol 11 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi preliminarjament il-Kunsill Lokali Zejtun mhux legittimu kontradittur u filwaqt li ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma l-attur ghandu minnufih jigi liberat mill-osservanza tal-Gudizzju.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, il-lanjazi tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat in-noti tal-eccezzjonijiet tal-Kumitat kongunt ghall-infurzar tal-Ligi u Ordni Pubbliku u li biha eccepew bir-rispett:

1. Illi preliminarjament il-kumitat kongunt ghall-infurzar tal-Ligi u l-Ordni Pubbliku mhuwiex il-legittimu kontadittur.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom jindikaw abbazi ta' liema artikolu u ligi qeghdin jibbazaw it-talba taghhom.
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-eccipjent ma kellu l-ebda struzzjonijiet x'jaghti
4. Illi subordinatament ghal dak premess u minghajr pregudizzju l-eccipjent ma ta' l-ebda struzzjoni li allegatament kellu jaghti u l-atturi xorta wahda, meta riedu huma u liberament, geddew il-licenzja msemmija minghajr ebda kontribut da parti tal-attur.
5. Illi subordinatament ghal dak kollu premess u minghajr pregudizzju, ghal dak li huma danni, fi kwalunkwe kaz l-atturi kellhom l-obbligu li jsaqsu jimminmizzawhom, haga li ma ghamlux, u ghalhekk it-talba taghha hi eccessiva.

Rat id-digriet moghti fit-3 ta' Marzu 2004 (fol 20 u fol 21 ibid) u li bih giet kjamata fil-kawza l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 30 ibid (ara ukoll fol 31 ibid), dak verbalizzat a fol 32 u fol 33 ibid.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta, kjamata f'din il-kawza (fol 35 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici ghad-danni fil-konfront ta' l-Awtorita' eccipjenti hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-istess Awtorita' ma setghetx skond il-ligi, u senjatament ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, iggedded il-licenzja tal-vettura Volkswagen Transporter numru ta' registrazzjoni ABD-572 registrata f'isem l-attur Emanuel Calleja, stante illi l-istess Awtorita' kellha informazzjoni minghand il-Kunsill Lokali taz-Zejtun, illi huwa responsabbli sabiex jghaddi tali informazzjoni lill-Awtorita', illi l-istess attur kien ghadu ma' effettwax il-hlas ta' multa u/jew multi fuq l-istess vettura fi zmien illi kellha tiggedded l-istess licenzja u dan kif ser jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

2. Illi in ogni kaz l-ammont pretiz huwa wiehed eccessiv;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri sottomessa waqt is-seduta tal-11 ta’ Jannar 2010 (fol 97 ibid) u li biha waqt l-istess seduta l-Kunsill Lokali konvenut eccepixxa li in vista li fit-trattazzjoni ssemma li ghemil amministrattiv tal-gudikatur li kkonverta d-disprezz f’multa jirrileva illi qualsiasi azzjoni a bazi ta’ dan ir-ragunament huwa preskritt a tenur tal-Artikolu 469(a)(3) Kap 12 li jirrikjedi tali kawzi jigu prezentati fi zmien 6 xhur mill-akkadut kif ukoll dak verbalizzat fl-istess seduta fis-sens li din il-Qorti giet awtorizzata bi qbil bejn il-partijiet sabiex l-ewwel tigi deciza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u wara l-meritu.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, qabel ma jittiehdu d-decizjonijiet fuq l-eccezzjonijiet sollevati u fuq il-meritu jkun opportun illi jigu esposti l-fatti in esami kif risultanti mill-provi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi a fol 73 et seq ibid jinsab l-affidavit tal-<u>Avukat Dottor Peter Fenech</u> li fiz-zmien in kwistjoni kien Prosekutur quddiem it-Tribunal Lokali taz-Zejtun. Minn din ix-xhuda jirrizulta li, fid-29 ta’ Awissu 2001, l-attur kien tressaq quddiem it-Tribunal Lokali taz-Zejtun. Minn din ix-xhieda jirrizulta li, fid-29 ta’ Awissu 2001, l-attur kien tressaq quddiem l-istess Tribunal, akkuzat talli ma kellux ‘mud-flaps’ fil-vettura in kwistjoni. L-istess attur kien gie liberat minn din l-akkuza izda kif kien hiereg mill-kawza fejn kienet qed tinzamm din is-seduta, l-akkuzat kien ghadda xi rimarki fil-konfront ta’ gwardjan lokali u, minhabba hekk kien gie mmultat minhabba disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti, is-somma ta’ Lm25. Kif jidher a fol 76 tal-atti, din id-decizjoni, fejn ma hemmx ikkwotat xi artikolu tal-ligi f’materja ta’ disprezz, marret oltre u wara li tat jumejn (2) zmien sabiex tithallas din il-multa u, fin-nuqqas, ‘…

jinbidlu fi prigunerija skond il-ligi'. Dwar din id-decisoni jidher li saru xi talbiet ghal rikonsiderazzjoni izda kienu gew michuda (ara fol 79 u fol 80 tal-istess atti). Difatti din il-multa ma kienetx thallset, kien wasal iz-zmien sabiex l-istess multa tigi konvertita f'hamest (5) ijiem detenzjoni u hawnhekk, finalment l-attur kien hallasha fit-3 ta' Settembru 2002. Pero, fil-frattemp, fl-ahhar ta' Jannar 2002 kien wasal l-obbigu ta' tigdid tal-licenzja tal-vettura in kwistjoni u peress li l-attur kien ghadu qed jirrifjuta bhala pika li jhallas il-multa '… ma kienx permess lilu li jgedded il-licenzja tat-triq ta' l-istess vettura' (ara ukoll il-kontroesami tal-istess xhud a fol 84 u fol 85 ibid).

Illi, da parti tal-attur (fol 38 et seq ibid) dan ssottometta 'affidavit' b'dokumenti annessi mieghu. Dan beda billi qal li l-vettura in kwistjoni hi registrata fuq isem ta' 'Freetrade Company Limited' izda hi parti mill-assi ta' din il-kumpanija. L-istess vettura tintuza sabiex tintuza ghall-garr ta' prodotti li jinxtraw u jinbieghu mill-istess socjeta kif ukoll bhala reklam tal-istess prodotti, murija fuq l-estern taghha. Sussegwentement, b'referenza ghac-citazzjoni in esami, li, hu kien gie liberat izda wara l-Kummissarju kien impona l-multa msemmija minhabba disprezz lejn it-Tribunal. Wara li hu kien iddecieda li ma jhallasx din il-multa. Minhabba hekk meta kienet ser tiskadi l-licenzja tal-istess vettura, hu kien gie infurmat illi l-istess licenzja ma setghetx tigi mgedda fil-31 ta' Jannar 2002 peress li '…. Minn fuq il-kompjuter li kien qed juza u mill-file li kellu relattiv ghall-licenzjar tal-van, kien irrisultalu (lil Christopher Darmanin) li kien hemm multa ta' Lm25 in konnessjoni ma' kaz ta' kontravenzjoni tar-regolamenti tat-traffiku u 'minhabba nuqqas ta' twahhil ta' 'mud flaps'. Hawnhekk hu kien gibed l-attenzjoni tal-imsemmi Christopher Darmanin illi hu kien gie liberat mill-akkuza msemmija u ma kellu xejn x'jhallas vis-à-vis il-kontravenzjoni. Pero, avolja ghamel diversi kuntatti dwar din il-kwistjoni fil-31 ta' Jannar 2002, il-vettura spiccat b'licenzja mhux mgedda u ghalhekk kien kostrett li jdahhal fil-'garage' l-istess vettura u din ma setghetx tintuza ghall-iskopijiet kummercjali, kif hawn fuq spjegat ghall-perjodu ta' erbgha u sittin (64) jum. Minhabba dan, hu kellu jhallas lira Maltija (Lm1) kull jum lis-sid ta' 'garage' b'kollox

Lm64. Inoltre kien kostrett jikri vettura ohra sabiex tintuza ghall-istess skop spjegat minflok dik tieghu u dan bir-rata ta’ Lm15 kull jum ghall-istess perjodu b’kollox Lm960 flimkien mat-taxxa fuq il-valur mizjud ammontanti ghal Lm153.60 (ara l-anness ‘Dok G’). Inoltre kif jidher mill-istess affidavit, l-attur jippretendi il-hlas ta’ Lm495 bhala ‘lucrum cessans’ minhabba li ma setax juza r-reklamar fuq l-istess vettura. Wara diversi tenattivi sabiex l-attur jasal ghal xi forma ta’ ftehim mal-awtoritajiet involuti ossija l-konvenuti, hu kien gie informat illi ‘… l-Lm25 multa ghal disprezz imposta … kienet konsiderata bhala multa li kienet ghadha tidher fuq is-sistema kompjuterizzata tad-Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet’ u ‘ … tali multa giet imposta mill-Kunsill … sabiex tigi mibgura mill-tigdid tal-licenzja tat-triq’ (ara l-annessa ittra datata 2 ta’ Ottubru 2001 u markata Dok J7 fejn hemm imnizzel ‘Hati tal-Akkusa’ ‘Kontravenzjoni numru 053-03786-8’ u ’Ammont Dovut …’). Eventwalment wara li anke kien ippresenta protest gudizzjarju, hu kien gie infurmat mill-Ministru koncernat illi ‘… minn dak in-nhar stess stajt immur ingedded il-licenzja tal-‘van’ liema tigdid sar fit-8 ta’ April 2002. Inoltre, fit-3 ta’ Settembru 2002, hu kien hallas il-multa imposta fuqu minhabba disprezz, wara li kien intqal lilu illi l-istess multa kienet ser tigi konvertita f’prigunerija/detenzjoni (ara ukoll fol 62, fol 65). Dwar l-istess kwistjoni jkun opportun illi jigi citat dak li xehed l-Avukat Dottor Peter Fenech in kontro ezami a fol 85 ibid ossija ‘Fil-fatt dak iz-zmien il-‘computer’ tal-Kunsill ma kellhux mezz sabiex jirregistra multi in konnessjoni ma’ disprezz u kienu jitnizzlu fil-fatt bhala kontravenzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-kwistjoni ta’ minn hu l-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri, jidher car, illi l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, hi dik li ghandha r-responsabilta skond il-ligi sabiex iggedded licenzja ta’ vettura. Dan jirrisulta b’mod car mill-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta li tirregola t-traffiku (ara ukoll, ir-rikors u digriet li permezz tieghu giet kjamata fil-kawza l-istess Awtorita a fol 20 sa fol 22 ibid). Ghalhekk qed jigi deciz illi l-konvenuti originali f’dawn il-proceduri ma ghandhomx ‘locus standi’ f’dawn il-proceduri

u b'hekk dawn il-proceduri ser jkollhom bhala legittimu kontradittur lill-istess Awtorita.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in konnessjoni mat-terminu ta' sitt (6) xhur skond l-artikolu 469(a)(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din kienet giet proposta waqt it-trattazzjoni tal-kaz u fiha jinghad, kif di gja premess, illi '… in vista li fit-trattazzoni issemmiet (-a) l-ghemil amministrattiv tal-gudikatur (ossija Kummissarju) li kkonverta d-disprezz f'multa…'. Waqt li qed jigi rilevat illi kif proposta din l-eccezzjoni ma taghmilx sens, l-eccezzjoni , aktarx tirreferi ghal konversjoni tal-multa f'prigjunerija jew detenzjoni. Pero xorta wahda din il-Qorti ser tirreferi ghal dak li hu mnizzel bhala 'att amministrattiv'. Jidher car mill-provi illi quddiem it-Tribunal involut, l-attur kien gie kundannat ghal disprezz lejn l-Awtorita tal-istess Tribunal. Dan il-poter inghata lill-Kummissarju li kien qed jippresjedi l-istess Tribunal permezz tal-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad li, b'mod generali sabiex jezercitaw il-funzjonijiet u s-setgha taghhom, il-Kummissarji jkollhom 'mutatis mutandis' dawk is-setghet kollha li huma bid-disposizzjonijiet tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali, vestiti fil-Qorti ta' Magistrati. Dan abbinat mal-artikoli 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghti l-poter lit-Tribunal li jimponi piena, skond il-ligi, f'kaz li persuna hi hatja ta' nuqqas ta' rispett ossija disprezz lejn l-istess Tribunal, xhud jew ufficjali tal-istess Tribunal. Dan jfisser illi il-multa, imposta fuq l-attur ma kienitx ta' natura amministrattiva u konsegwentement din l-eccezzjoni ma hiex applikabbli.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-istess provi, l-Awtorita' kjamata fil-kawza ma rieditx iggedded il-licenzja minhabba li l-attur kien qed jirrifjuta li jhallas il-multa inflitta. L-istess Awtorita' qed tirreferi, hawnhekk ghall-artikoli 56 tal-Kapitolu 65 li jghid illi f'kaz ta' multa jew ammenda minn Kummissarju ghall-Gudistizzja jkun ghamel ordni ghall-hlas ta' penali a bazi

tal-Kapitolu 291 citatat li jkollha x'taqsam ma reat li jikser id-disposizzjonijiet tal-Kapitoli 65 citat ukoll li jsir bl-uzu ta' xi vettura bil-mutur u dik il-multa amenda jew penali ma tkunx thallset l-Awtorita ghandha tieqaf milli jgedded il-licenzja sakemm jsir il-hlas. Jigi notat illi dan l-artikolu jaghti l-jedd lill-Awtorita' f'kaz ta' reat li jikser xi disposizzjoni tal-Kapitolu 65 u mhux il-Kodici Kriminali jew il-Kapitolu 12 citat ukoll.

F'dan il-kaz, l-attur ma kienx instab hati taht xi disposizzjoni tal-Kapitolu 65 izda a bazi tal-poteri moghtija lill-istess Kummissarju a bazi tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali applikabbli lill-Qorti tal-Magistrati. Minn dan jidher illi l-multa inflitta lill-attur minhabba disprezz da parti tieghu ma tinkwadrax ruhha u ma hiex kompriza fl-artikolu 56 citat. Konsegwentement din il-Qorti tara li l-Awtorita ma kellhiex il-poter, f'dan il-kaz, li ma ggeddidx il-licenzja tal-vettura in kwistjoni. Difatti r-rimedju li kien disponibbli kien, fil-fehma tal-Qorti, jappartjeni lit-Tribunal sabiex il-multa, la darba ma thallsitx fi zmien jumejn skond id-decisjoni in kwistjoni, kienet tkun konvertita f'prigjunerija skond il-Kodici Kriminali. Jinghad, ukoll, illi l-istess Awtorita ma setghetx ma tkunx taf bil-fatt illi l-attur kien instab hati, biss, ta' disprezz u mhux tal-kontravenzjoni msemmija.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti ma tistax ma issemmirx fatt iehor risultanti mix-xhieda kemm tal-attur kemm ta' Dottor Peter Fenech (ara fol 85 ibid) cjoe li l-Kunsill involut ma kellhux a disposizzjoni tieghu 'soft ware' fil-'computer' sabiex tigi registrata u mnizzla multa in rigward disprezz anzi 'kienu jitnizzlu bhala kontravenzjoni'. Certament din kienet mankanza gravi u jidher li kkontribuwita ghal dak li gara f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi, la darba n-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja da parti tal-Awtorita ma kienx gustifikat skond il-ligi 'in materia', jidher li l-attur ghandu jedd ta' xi risarciment fuq din il-bazi. Di

gja sar accenn illi hu qed jibbaza din it-talba kif risultanti mill-affidavit tieghu (ara ukoll ix-xhieda ta' Paul Camilleri u Frank Caruana a fol 58 u fol 60 rispettivament). Filfatt din it-talba tikkomprendi:-

a) Il-kiri ta' vettura ohra sabiex tintuza minflok dik in kwistjoni bejn l-ewwel (1) ta' Frar 2002 u l-5 ta' April 2002 b'kollox erba' u sittin jum bir-rata ta' Lm15 kull jum kif ukoll 'garaging' tal-istess vettura ghall-istess perjodu bir-rata ta' Lm1, b'kollox, inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ammontanti ghal Lm1177.60 (ara d-dokument markat 'G' anness mal-affidavit' tal-attur u fol 67 ibid). Dan l-ammont jidher gustifikat. Pero l-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi l-attur kien obbligat li jhallas, kemm bhala fatt kemm legalment l-istess multa ladarba ghazel li ma jappellax skond il-ligi mid-decizjoni in esami u l-istess multa ma kienetx inhafritlu. Ghalhekk il-Qorti wara li qieset ir-responsabilta fil-ligi tal-Awtorita u minn-naha l-ohra l-ghazla arbitrarja da parti tal-attur li ma jhallasx dak dovut minnu, ser tnaqqas dan l-ammont 'arbitrio boni viri' b'terz (1/3). Konsegwemtament ir-risarciment, fuq din il-bazi ser jammonta ghal Lm785.

b) Telf ta' qligh minhabba li gie impedut li juza r-reklamar fuq il-'body' tal-istess vettura in vista li din kellha titpogga f-'garage'. Dwar dan il-Qorti ma tistax tara kif l-attur jew is-socjeta' attrici setghu sofrew xi telf ta' qliegh fuq din il-bazi. Hu minnu illi l-ammont ta' Lm495 kien gie kalkolat skond kif jidher mid-dokumenti markati Dok N1 u Dok N2 redatti mix-xhud li gja ssemma Paul Camilleri. Pero jekk kien hemm xi tnaqqis f'bejgh ghal certu perjodu, ma jistax jinghad bl-ebda mod li dan kien kagunat minn dak li qed jsostni l-attur. Ghalhekk, it-talba fuq din il-bazi qed tigi respinta

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk in succint, il-Qorti tikkonkludi li:

a) l-Awtorita imsemmija li tikkomprendi id-Direttorat tal-Licenzja u Testijiet ghandha tigi dikjarata bhala li agixxiet oltre l-poteri moghtija lilha bl-artikolu 56 citat

stante li dan l-artikolu ma jikkomprendix multa in konnessjoni ma disprezz.
b) Minhabba dan l-agir da parti tal-Awtorita’ kif ukoll il-mod kif l-attur mexa f’dan il-kaz, il-Qorti tirritjeni li l-Awtorita ghandha thallas risarciment ammontanti ghal Lm785, ghar-ragunjiiet hawn fuq premessi.
c) In vista li dan it-telf (‘damnum emergens’) inkorrietu s-socjeta’ attrici, l-ammont likwidat ghandu jithallas lil din is-socjeta’ u mhux lill-attur proprio’.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, waqt li tillibera lil Kunsill Lokali Zejtun, lil Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi u l-Ordni Pubbliku u lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-Gudizzju tilqa’ ‘in parte’ it-talbiet attrici u tikkundanna lill-Awtorita dwar it-Trasport ta’ Malta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici, wahedha s-somma ta’ Lm785 ossija €1828.56 bl-imghax legali mill-25 ta’ Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi kollha kif hawn fuq esposti dan ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------